



# Emanuel Buhagiar 1876 - 1962

## *Talent Kbir*

Kitba ta'
Daniel Schembri



Ma tistax iżżur il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien fil-jiem tal-Festa ta' Marija Annunzjata u ma tinnutax bosta opri ta' l-arti li jsebbħu lil dan it-tempju. Ħafna minn dan ix-xogħol esegwit fl-injam, fidda u rakkmu huma kollha fuq disinn ta' l-istess artist u bosta minnhom maħduma minnu wkoll.

L-iskultura tal-bibien ta' barra, is-Salib tal-Via Sagra, il-ventartal tal-fidda ta' l-artal maġġur u l-ostensorju tal-festa, il-forċini tal-vara, it-triehi ta' l-artali tal-kappelluni u l-bandalora tax-Xirka huma xogħol ta' l-artist, disinjatur u skultur, Emanuel Buhagiar.

Buhagiar twieled il-Birgu f'Diċembru tal-1876, iben Giuseppe u Carmela mwielda Zahra. Missieru kien "chargeman" tal-mastrudaxxi fit-Tarzna u għalhekk Emanuel ta' età żgħira wera mħabba għax-xogħol fil-karpinterija. Kellu biss 21 sena meta Emanuel fetaħ il-ħanut tax-xogħol ġewwa l-Birgu. Iżżewweġ lil Ersilia Calì, neputija tal-pittur magħruf Giuseppe Calì u mar joqgħod Ħal Tarxien, fejn il-familja tal-mara tiegħu kienet tgħix.

Ħadem għal xi ftit taż-żmien il-Birgu, iżda fl-1906 reġa' mar joqgħod Ħal Tarxien. Kien propju minn hawn, il-ħanut li kellu l-ewwel fi Triq San Gużepp u wara fi Triq is-Sorijiet, kantuniera ma' Triq Santa Tereża li minnu ħarġu ħafna opri li llum isebbħu bosta knejjes ta' Malta u Għawdex.

Buhagiar ħa l-ewwel taħriġ tiegħu mingħand mgħallmin bħal l-aħwa Aristide u Giuseppe Bonnici mill-Isla u Arturo Galdes, kif ukoll mingħand il-pitturi Salvatore Barbara u Lazzaro Pisani. Emanuel Decelis, wieħed mill-aħjar artisti ta' dak iż-żmien u Vittorriosan bħal Buhagiar, għallmu s-sena tal-interzjar.

Kienu ħafna l-knejjes li fil-bidu tas-Seklu għoxrin bdew jiddekoraw u jordnaw għamara u affarijiet liturġiċi ġodda. Buhagiar kien wieħed mill-aktar artisti li gawda popolarità u għalhekk fil-knejjes insibu bradelli u bankuni, gandlieri, ventartali, lampieri, pedistalli, missalli, ċnieser u navetti, slaleb u lanterni tal-Fratellanzi li kien jaħdimhom fl-injam anke jekk dawn kienu se jsiru tal-fidda jew xi forma ta' metall ieħor. Iddisinja pavimenti għall-knejjes u ħadem xogħlijiet privati.

Ħadem ukoll ostensorji, fosthom wieħed mill-aqwa huwa propju dak li fil-Festa Titulari tagħna jkun qiegħed fuq it-tabernaklu ta' l-altar maġġur sewwa sew fuq pedistall ta' l-injam li ħadem huwa stess. Dan l-ostensorju għandu għamla tassew sabiħa bħal tempju Ruman fuq seba' kolonni u fuq il-koppla tiegħu hemm salib u ħamiema, xbieha ta' l-Ispirtu s-Santu li kollox ma' kollox ifissru li l-Madonna hija tempju ta' l-ispirtu s-Santu. Għalhekk dan l-ostensorju għandu mhux biss valur artistiku, imma wkoll idea teoloġika għolja. Emanuel fasslu u għamel il-mudell tiegħu fl-injam fejn inħadem fil-fidda, f'Milan, l-Italja fl-1926. Sena biss wara, jiġifieri fl-1926, iżżanżnu żewġ sopra trieħi tal-bellus li jintramaw waħda fuq l-altar tal-Madonna tar-Rużarju u l-oħra fuq l-altar tal-Kappellun l-ieħor, jiġifieri tal-Madonna tad-Duttrina. Għal dawn iż-żewġ Fratellanzi rispettivi ħadem ukoll slaleb ta' l-ebano u fidda flimkien ma' żewġ pari fanali tal-fidda.

Il-pedistalli tal-vara tal-Madonna tar-Rużarju u dak tal-Madonna tad-Duttrina huma wkoll xogħol ta' l-istess Buhagiar, flimkien mad-disinn ta' l-istandard u l-kruċetta tal-Fratellanza tad-Duttrina li saru fl-1950. Tnejn biss huma l-ventartali li Buhagiar ħadem u ġew esegwiti fil-fidda. Wieħed li jintrama fuq l-altar maġġur fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl, Ħal Safi u l-ieħor fil-Matriċi ta' Ħal Tarxien, ukoll bħal dak ta' San Pawl, jiġifieri fuq l-altar maġġur. Dan il-ventartal għandu stil differenti minn dak li Emanuel kien is-soltu jaħdem jiġifieri elittiku (stil tipiku tal-bidu tas-seklu għoxrin). L-iskudett tan-nofs li fih naraw ix-xena tat-tħabbrika tal-Mulej, hija waħda rappreżentata minn żewġ figuri klassiċi. Bil-kontra ta' dan, is-sopraporta (1925) li hemm fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bieb tan-nofs tal-Knisja għandha stil "Barocchetto".

Emanuel Buhagiar miet nhar is-27 ta' Frar tal-1962, fl-età ta' 82 sena. Ix-xogħol li ħadem għadu jiġi apprezzat sal-lum aktar u aktar meta bħal din is-sena opra bħas-sopra porta msemmija aktar 'il fuq ġiet irrestawrata b'tant għaqal minn żewġ artisti u restawraturi lokali. Bħala Tarxiniżi għandna tabilħaqq għalfejn inkunu kburin li fil-parroċċa tagħna għandna parti sostanzjali mill-kullana ta' xogħlijiet ta' dan l-artist b'talent kbir.

---


*Referenzi:*

| | |
|---|---|
| *Battistino Vincent:* | *Storja ta' Ħal Tarxien - 1993*<br>*Pages 99 - 103* |
| *Bonnici Calì Rafel:* | *L-Ostensorju tal-Festa u Dun Injazju*<br>*It-Tarxien Ħarġa Speċjali tal-Festa 1986*<br>*Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien*<br>*Pubblikazzjoni 1973* |
| *Buhagiar Mario:* | *Emanuel Buhagiar - A Master of Wood Inlaying*<br>*The Sunday Times 3rd March 1985* |
| *Debono Joseph G:* | *Dun Injazju Galea u l-Ostensorju tal-Festa*<br>*It-Tarxien, Ħarġa Speċjali tal-Festa 2002* |
| *Sagona Mark:* | *Fortieth Anniversary of the Death of Emanuel Buhagiar*<br>*Designer and Sculpture*<br>*The Sunday Times 24th February 2002* |